# MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 50** **9 t'Awwissu 2023**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar l-Erbgħa, 9 t'Awwissu 2023, fis-sala tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

John Schembri – Sindku

Eric Camilleri – Kunsillier

Frederick Aquilina – Kunsillier

Lucia Massa – Kunsillier

Andrew Cassar – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Maria Magri - Kunsillier

Kearon Bruno – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku John Schembri** ppresjeda l-laqgħa.

**50.1** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 50**

Is-Sindku John Schembri talab l-approvazzjoni tal-Minuti 49, liema minuti kienu ċċirkulati u meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier Lucia Massa ssekondat.

Il-Minuti 49 ġew approvati b'mod unanimu.

**50.2** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

50.2.1 **Is-Sindku John Schembri** nfurma li l-attivita' kulturali li kellha tinzamm mar-Reġjun se tinżamm fit-30 ta' Settembru minħabba li fid-data proposta tal-15 ta' Settembru hemm il-GayPride u fit-23 ta' Settembru hemm Żejt iż-Żejtun.

50.2.2 **Il-Kunsillier Eric Camilleri** nfurma li se tinġieb il-Fiera, se jkun hemm stands informattivi dwar il-mazziet, tisjir ta' majjal u ikel malti. Bħala entertainment se jintrama l-palk u qed isiru diskussjonijiet ma Kantera, Kapitlu 13, Xarulu u MARA biex naraw hux possibli li jiġu janimaw is-serata.

50.2.3 **Il-Kunsillier Frederick Aquilina** staqsa hux possibli li titmexxa d-data. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv infurmat li mbagħad jibdew l-attivitajiet nazzjonali kulturali.

50.2.4 **Is-Sindku John Schembri** nfurma li l-manutenzjoni tal-bandli tlestiet.

Il-Kunsillier Andrew Cassar ġibed l-attenzjoni li l-letrina tal-playingfield tinsab fi stat maħmuġ ħafna. Il-Kunsillier Andrew Cassar ġibed l-attenzjoni li l-letrina qed tingħalaq f'ħinijiet differenti u ppropona li jsiru ħinijiet u ssir tabella bil-ħinijiet.

50.2.5 Il-Kunsillier Frederick Aquilina ppropona li ssir pull-up bar fil-parti fejn hemm il-gym equipment.

Il-Kunsillier Frederick Aquilina ppropona li l-bring-in sites fi Triq Patri Indri Schembri jitneħħew. Is-Sindku nfurma li se jkunu qed isiru CCTV Cameras u se jingħata l-monitoring lil LESA.

**50.3** **Is-Sindku John Schembri** nfurma li x-xogħol fuq il-letrina jinsab fil-fazi finali tiegħu. Jonqos l-aluminium u sal-aħħar ta' Settembru għandha tinfetaħ.

**Is-Sindku John Schembri** nfurma li saret laqgħa pubblika minn GAL Xlokk dwar il-Programm LEADER. Is-Sindku nfurma li l-Kunsill għandu japplika għall-fondi sabiex il-patrimonju tal-lokalita' ma' jintilifx.

**Skeda ta' Ħlasijiet**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iSkeda ta' Ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Lucia Massa** pproponiet l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Andrew Cassar** ssekonda.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.40p.m. u ġiet aġġornata.

Konfermati, llum ______________________________________

| | |
|---|---|
| John Schembri | Karen Camilleri |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |